# ŻEJTUN
## Religious Heritage Trail

*Perit Joe Magro*





F'dawn l-aħħar sentejn twettqu ħafna xogħlijiet fil-bini parrokkjali anness mal-knisja parrokkjali. Seta' jibda jiġi apprezzat ix-xogħol li għadu għaddej sal-lum, meta nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2013, bl-għajnuna t'Alla, sar il-ftuħ uffiċjali tal-Mużew tal-Arti u Storja tal-parroċċa. F'din l-okkażjoni, l-ewwel assistejna għal programm mużikali fil-knisja parrokkjali mill-Kor Collegium Musicum (il-Kor residenti tal-Konkatidral ta' San Ġwann) taħt it-tmexxija tad-Direttur Mużikali Prof. Mro Dion Buhagiar, u wara l-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta, fetaħ uffiċjalment il-Mużew. L-attendenza numeruża għal din l-attività wrietna li l-komunità taż-Żejtun jinteressaha ħafna dan il-proġett.

Nistgħu ngħidu li wellidna mill-ġdid dan il-Mużew fil-bini parrokkjali billi tajnieh dehra ġdida attraenti ħafna. Fih hemm esposti għall-wiri għadd ta' opri tal-arti interessanti u prezzjużi b'rabta diretta mal-parroċċa taż-Żejtun. Mużew bħal dan ser iservi biex ikun hemm għarfien aħjar u sħiħ tal-patrimonju reliġjuż, storiku u artistiku li tawna ta' qabilna. Kien l-Arċipriet Dun Eric Overend li b'enerġija kbira żera' fina l-ħeġġa biex nidħlu għal proġett bħal dan. U wara l-mewt għal għarrieda tiegħu sena ilu, għamilna ħilitna biex komplejna dan il-proġett bil-ħeġġa meħtieġa, flimkien ma' Dun Ġino Gauci, kuratur tal-Mużew, u tal-Arċipriet Dun Nicholas Pace. Bħalissa ninsabu għaddejjin bix-xogħol biex inkabbru l-Mużew b'sala oħra ddedikata lill-istorja tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun, b'għadd ta' statwi, inkluż il-monument artistiku ta' Kristu mejjet, f'vetrini għalihom.

Il-proġett tal-bini parrokkjali ma jfissirx biss ix-xogħol fuq il-Mużew tal-Arti u Storja tal-parroċċa, iżda jiġbor fih għadd ta' xogħlijiet oħra. Twaqqgħet parti interna tal-bini li kienet ikkundannata u minflokha nbnew faċilitajiet sanitarji, taraġ prinċipali, lift u għadd ta' mħażen ġodda. Maħżen ieħor imdaqqas ġmielu nbena flok fejn kien hemm bejt fuq is-sagristija tal-oratorju. Dan il-maħżen, kif ukoll oħrajn f'livelli taħtu huma aċċessibbli permezz ta' *hoist* li jagħti direttament għas-sagristija prinċipali, u huma kollha attrezzati bi xkaffar ġodda u diġà jintużaw. Jekk Alla jrid, sa Settembru li ġej, jitlestew ukoll it-taraġ u l-faċilitajiet sanitarji, u nkunu nistgħu ngawdu mill-ġdid il-bini kollu, inkluża s-sala parrokkjali.

L-għan ewlieni tal-proġett ma kienx li nirranġaw biss il-Mużew u l-bini parrokkjali, għalkemm ix-xogħol biex dan isir ħa ħafna mill-enerġija tagħna. Kif jixhed it-titlu ta' dan l-artiklu: "**Żejtun Religious Heritage Trail**", l-għan ewlieni hu li noffru u nwasslu esperjenza partikolari lil dawk li jżuru ż-Żejtun, b'mod partikolari lit-turisti li jżuruna tul is-sena kollha. Noffrulhom esperjenza dwar il-ħajja tagħna fil-passat u fil-preżent. Ikunu jistgħu jżuru l-Mużew tal-Arti u Storja tal-parroċċa, kif ukoll il-knisja parrokkjali, l-oratorju u l-kennierja taħtu, kif ukoll il-knisja ta' San Girgor. Wara li ġie inawgurat il-Mużew, twaqqfet l-"**Assoċjazzjoni Ħbieb tal-Mużew**" b'għadd ta' volontiera msieħba fiha li offrew li jgħinu lill-parroċċa biex dawn il-postijiet jinżammu miftuħin kuljum, matul is-sena kollha. Dan huwa proġett ambizzjuż ħafna u ġdid għall-komunità taż-Żejtun. F'dawn ix-xhur qed tiġi konkluża l-ħidma biex infittxu nibdew naħsdu l-frott tagħha. Irridu nħarsu 'l quddiem lejn żmien meta ħidma bħal din tibda tħalli wkoll dħul ġdid finanzjarju għall-parroċċa taż-Żejtun.

Biex inlestu u nħallsu għal dan il-proġett, jinħtieġu ħafna flus. Ilkoll kemm aħna rridu nibqgħu nagħtu s-sostenn tagħna u nikkontribwixxu għal dan il-proġett. Biex ngħinu ruħna b'mod prattiku, il-parroċċa applikat għal għajnuna mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Saret applikazzjoni f'Jannar 2011 li ġiet approvata f'Lulju 2012 u x-xogħlijiet marbutin magħha tlestew f'Settembru 2013; u applikazzjoni oħra f'Marzu 2013 li ġiet approvata f'April 2014 u li x-xogħlijiet marbutin magħha qed isiru f'dawn ix-xhur u jridu jitlestew sa Settembru 2014. Tajjeb li nkomplu nitħabtu biex nakkwistaw għajnuniet minn fondi bħal dawn, iżda l-għajnuna prinċipali trid tiġi mill-kontribuzzjonijiet ġenerużi ta' ħafna minna. F'isem il-parroċċa nirringrazzja lil dawk kollha li b'ġenerożità qed jgħinu f'din il-ħidma. Nirringrazzja wkoll lil ħafna, mingħajr ma nsemmi ismijiet biex żgur ma ninsa lil ħadd, li qed joffru ħinhom u l-enerġija tagħhom biex jitwettaq dan il-proġett. Ippermettuli fl-aħħar ngħid grazzi partikolari lis-Sur Frank Farrugia għas-sostenn u l-għajnuna kontinwa li jagħtini.